MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 30

(IT-TIENI PARTI)

16 ta' Settembru 2021

Minuti tat-Tieni Parti tas-seduta Nru. 30 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret b'mod virtwali, nhar il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu b'mod virtwali minbarra l-Kunsillieri M. Abela, K. Buttigieg, u I. Castillo. Ġie nnutat li l-imsemmija membri bagħtu nota sabiex jiġu skużati.

Il-Kunsill aċċetta r-raġunijiet mogħti fl-imsemmija noti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet u rrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## 1.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku

### 1.1.1. Ittra ta' Direzzjoni *(Management Letter)* – Sena Finanzjarja 2020 (F/1/2/Vol X)

1.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-Ittra ta' Direzzjoni (*Managment Letter*) mibgħuta mill-udituri għas-Sena Finanzjarja 2020, u semma l-iktar punti notevoli, illi m'humiex ta' natura daqshekk teknika, li kienu jirrigwardaw il-punti li ġejjin:

(a) Paragrafu 2.15 – L-udituri ġibdu l-attenzjoni li l-Kumitat Konġunt kellu riżervi li kienu jlaħħqu €1.6 u kkummentaw li ma ngħatawx tagħrif biżżejjed biex jistabilixxu jekk il-Kunsill huwiex intitolat għal xi porżjoni minn din is-somma.

Il-Kunsill innota li din hija materja li tmur lill'hinn mill-kompetenza tal-Kunsill, meta wieħed iqis li l-Kumitat Konġunt ilu xolt mill-31 ta' Awwissu 2009, filwaqt li l-aħħar stqarrijiet finanzjarji li kien hemm ikopru sa Diċembru 2009.

(b) Paragrafu 3.1 – L-udituri nnutaw tliet każi fejn kien hemm infieq ta' €490, €230, u €605 li ma kienux koperti bi tliet kwotazzjonijiet kif titlob l-liġi. Wieħed minnhom kien jinvolvi x-*shuttle service* tal-Festa u ieħor marbut mal-kiri ta' *open skips*. L-aħħar wieħed kien jinvolvi s-*set up* tal-*video on-demand*.

Ġie spjegat li attwalment is-Segretarjat tal-Kunsill għandu persuna fuq hekk bil-għan li l-akkwist ta' servizzi u materjal ikun aktar ippjanat u hekk ikun hemm żmien biżżejjed sabiex jiġu segwiti l-proċeduri stabbiliti fil-liġi.

Fir-rigward tal-*video on-demand*, il-Kunsill innota li l-proċedura kienet ġustifikata fid-dawl tal-fatt li s-*set-up* tal-apparat meħtieġ fl-installar tas-servizz tal-*live streaming* f'April 2014 kien sar minn kuntrattur wara li ntalbu kwotazzjonijiet. Meta d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ddiriġiet li għandu jingħata servizz *on-demand,* għal raġunijiet prattiċità saret ordni diretta lill-istess kuntrattur biex jiġi nstallat is-*software* meħtieġ. Dan sar fl-ispirtur tal-Artikolu 100 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku ( SL 174.04) u *Procurement Policy Note* # 32 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti fid-19 ta 'Ġunju 2017.

(c) Paragrafu 3.7 – L-udituri nnutaw li xi assi permanenti qed jiġu assikurati fuq il-valur oriġinali, meta skont Direttiva 3/2017 dan għandu jkun ibbażat fuq in-*net book value*.

Ġie spjegat li dan kien isir bil-għan li l-kumpanija tal-assikurazzjoni tkopri għallinqas bil-valur oriġinali tal-*asset*. Is-Segretarju Eżekuttiv ppropona li jittieħed il-parir tal-udituri għaliex l-esperjenza wriet li l-kumpanija tal-assikurazzjoni ma tidħolx f'dawn il-fatturi, iżda titlob biss stimi u riċevuti bħala prova tal-ispiża nvoluta.

(d) Paragrafu 4.3 – 4.6 – Punt ieħor tekniku, ġie nnutat li fir-rigward tal-assi permanenti tiżisti diskrepanza bejn il-valur tal-assi permanenti li jidher fil-*fixed asset register* u dak li jidher fin-*nominal ledger.*

Ġie spjegat li din id-diskrepanza tirriżulta mill-mod kif tiġi reġistrata l-ispiża marbuta ma' proġetti kapitali li jkunu ffinanzjati b'mod sħiħ jew in parti minn għotjiet. Kien spjegat ukoll li bħala proċedura, fin-*nominal ledger* kienet tiġi reġistrata biss in-nefqa li ssir mill-fondi ordinarji tal-Kunsill. Il-finanzjament li jkun ġej minn għotjiet kien jiġi muri biss bħala dħul. Il-Kunsill innota li din il-proċedura ser tinbidel b'effett mis-sena 2021 biex id-diskrepanza ma tkompliex tiżied.

(e) Paragrafi 6.1-6.2 – Inġibdet l-attenzjoni li mal-istokk hemm kwantità ta' pubblikazzjonijiet antiki, li jkun jagħmel sens illi dawn jinqatgħu mill-kotba billi l-possibiltà li jinbiegħu hija remota

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fis-seduta li jmiss ser titressaq mozzjoni għall-dan il-għan.

(f) Paragrafu 8.1. – Ġie nnutat li hemm xi kredituri li huma antiki u għandhom jinqatgħu mill-kotba.

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkumenta li huwa jaqbel mal-udituri, għalkemm wieħed mill-erba' li ġew indikati mhux daqshekk antik u għalhekk għandu jitħalla skont. Il-Kunsill ġie mgħarraf li mozzjoni f'dan is-sens għandha titressaq fis-seduta li jmiss.

(g) Paragrafi 9.1 – 9.4 – L-udituri nnutaw li s-seduti tal-Kunsill qed jieħdu iktar minn tliet siegħat u li dan imur konta l-Memo 68/2000 u l-Artiklu 43(3) tal-Kap 363. Ikkummentaw ukoll li meta nqabeż li ħin ma kienx hemm kunsens ta' dawk preżenti.

1.1.3. Il-Kunsill kien perpless b'dan il-kumment, peress li kull darba li nqabżu t-tliet siegħat, dejjem kien hemm kunsens minn fost dawk preżenti.

1.1.4. Il-Kunsill qabel mal-abbozz tat-tweġiba għall-ittra ta' direzzjoni u talab li din tintbagħat lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

**1.2.1. *Hillclimb* fit-triq tal-Miżieb (A/6/3/2/Vol 62)**

1.2.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li saret applikazzjoni mill-Island Car Club sabiex issir l-attività msemmija nhar it-Ħadd 19 ta' Settembru 2021.

1.2.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jinħareġ il-permess taħt il-kundizzjoni tas-soltu.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta ntemmet fis-6.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 27 ta' Settembru 2021 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**